MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2010

Numru 818/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**OMMISSIS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

U
OMMISSIS

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 8 ta' Awwissu 2010 ghall- habta tal- 14.30hrs fl- Splash and Fun, Naxxar;

1) Ikommettew serq ta' basktijiet b' diversi oggetti fihom, liema serq ma jeccedix €2,329.37 ghad- dannu ta' Sofia Tangelin, Maria Lindkvist u Natalie Therese Pajamaki, liema serq huwa aggravat bil- valur;

2) Ommissis wahdu talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu arma (mus) minghajr il- permess tal- Kummissarju tal- Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 6, 7 u 8 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------